**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 20 ta' Frar 2018**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 27/2018**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Wayne Grima**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tad-9 ta' Jannar 2018 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett skritturi privati datati 29 ta' Settembru 2011 (Dok. "A"), 5 ta' Ottubru 2011 (Dok. "B") u 27 ta' Gunju 2014 (Dok. "C"), is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Wayne Grima;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Wayne Grima fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf, erba' mija u sitta u hamsin ewro u hmistax-il centezmu (€26,456.15) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Wayne Grima mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D2", Dok. "E1 sa E3" u Dok. "F") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-l5 ta' Gunju 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokument "A" sa Dok. "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Wayne Grima:
(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Wayne Grima li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Wayne Grima gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u immarkata Dok. 'G' sabiex

jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha issir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wanda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokument "A" sa Dok. "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Wayne Grima (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Wayne Grima li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna lil Wayne Grima jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitta u ghoxrin elf, erba' mija u sitta u hamsin ewro u hmistax-il centezmu (€26,456.15) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Wayne Grima mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D2", Dok. "E1 sa E3" u Dok. "F") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Gunju 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru 2015 kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Di piu, in vista tal-Ordni tal-Iffrizar mahruga kontra Wayne Grima, il-mittenti tinfurmak li l-pagamenti minnek mitluba jistghu jigu accettati mill-Bank biss wara li inti tottjeni d-debita awtorizazzjoni mill-Qorti kompetenti.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat il-verbal tad-19 ta' Frar 2018 u n-nota ta' ammissjoni fejn il-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut Wayne Grima jhallas lil-bank attur is-somma ta' sitta u ghoxrin elf, erba' mija u sitta u hamsin ewro u hmistax-il centezmu (€26,456.15) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tal-istess konvenut skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Gunju 2017 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur